**Arranġament ta' Ħidma**

**bejn l-Eurojust u l-Home Office, f'isem l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jimplimenta**

**l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**

**Arranġament ta' Ħidma bejn l-Eurojust u l-Home Office, f'isem l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jimplimenta l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.**

Il-Home Office, f'isem l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Renju Unit"),

U

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Eurojust"), flimkien imsejħa "il-Partijiet",

Wara li kkunsidraw il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 594 tal-Ftehim,

Wara li kkunsidraw ir-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust kif emendati, approvati mill-Kunsill permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2250 tad-19 ta' Diċembru 2019 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1114 tat-23 ta' Lulju 2020 u adottati mill-Kulleġġ fl-20 ta' Diċembru 2019 u fl-24 ta' Lulju 2020 rispettivament (minn hawn 'il quddiem imsejħa r-"Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust"), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5)(b),

Wara li kkunsidraw ir-Regoli ta' Proċedura dwar l-Ipproċessar u l-Protezzjoni ta' *Data* personali fil-Eurojust approvati mill-Kunsill permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2250 tad-19 ta' Diċembru 2019 u adottati mill-Kulleġġ fl-20 ta' Diċembru 2019,

Waqt li jinnotaw li kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali mill-Eurojust lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit taħt dan l-Arranġament jista' jsir biss skont ir-Regolament (UE) 2018/1727, u kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit lill-Eurojust taħt dan l-Arranġament jista' jseħħ biss skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-*data* dwar trasferimenti internazzjonali tar-Renju Unit,

FTIEHMU kif ġej:

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### Artikolu 1

### Għan

L-għan ta' dan l-Arranġament ta' Ħidma (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Arranġament") huwa li jimplimenta dispożizzjonijiet rilevanti fil-Ftehim rigward il-kooperazzjoni mal-Eurojust, b'mod partikolari t-Titolu VI tal-Parti Tlieta tal-Ftehim.

### Artikolu 2

### Awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni u r-reviżjoni konġunta tal-Arranġament

L-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament u r-reviżjoni konġunta msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan l-Arranġament għandhom isiru taħt is-superviżjoni diretta ta':

(a) F'isem l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, il-Home Office;

(b) F'isem l-Eurojust, Membru Nazzjonali maħtur mill-Kulleġġ.

## KAPITOLU II

## MODI TA' KOOPERAZZJONI

### Artikolu 3

### Prosekutur ta' Kollegament tal-Eurojust

1. Ir-Renju Unit għandu jissekonda Prosekutur ta' Kollegament tal-Eurojust li jista' jkun assistit minn massimu ta' ħames persuni, inklużi Assistenti u persunal ieħor ta' appoġġ.
2. In-numru ta' Assistenti u persunal ieħor ta' appoġġ, li ma jaqbiżx in-numru totali ta' ħames persuni, jista' jiġi modifikat bi ftehim bejn il-Partijiet permezz ta' skambju ta' ittri. Il-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistenti tiegħu/tagħha u l-persunal ta' appoġġ mhumiex soġġetti għal xi relazzjoni kuntrattwali mal-Eurojust.
3. Il-Prosekutur ta' Kollegament għandu jgħin fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit u tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, inkluż billi tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jikkonċernaw ir-Renju Unit u appoġġata mill-Eurojust.
4. Ir-Renju Unit għandu jinnotifika lill-Eurojust, bil-miktub, dwar il-ħatra tal-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistenti tiegħu jew tagħha u l-persunal ta' appoġġ. In-notifika għandha tinkludi, *inter alia*, informazzjoni dwar it-tul tal-ħatriet, indikazzjoni ta' liema Assistenti jistgħu jissostitwixxu l-Prosekutur ta' Kollegament, is-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 585(4) tal-Ftehim u l-oqsma ta' kompetenza tagħhom. Kwalunkwe tibdil għandu jiġi kkomunikat lill-Eurojust immedjatament.
5. Il-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistenti tiegħu jew tagħha u l-persunal ta' appoġġ għandhom jaderixxu mar-regoli u r-regolamenti tal-Eurojust.
6. Għall-iskop tal-Artikolu 585(8) tal-Ftehim, "dokumenti ta' ħidma" tfisser ir-rekords, il-korrispondenza, id-dokumenti, il-manuskritti, id-*data* tal-kompjuter u tal-midja kollha,

ritratti, film, vidjow u reġistrazzjonijiet tal-ħoss li jappartjenu lill-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistenti tiegħu jew tagħha u l-persunal ta' appoġġ".

**Artikolu 4**

**Maġistrat ta' Kollegament tal-Eurojust**

Skont l-Artikolu 586 tal-Ftehim, l-Eurojust tista' tpoġġi Maġistrat ta' Kollegament għar-Renju Unit. Jekk l-Eurojust tiddeċiedi li tagħmel hekk, id-drittijiet u l-obbligi tal-Maġistrat ta' Kollegament, kif ukoll l-ispejjeż involuti għandhom jiġu solvuti permezz ta' arranġament ta' ħidma separat.

**Artikolu 5**

**Punti ta' kuntatt**

1. Il-punti ta' kuntatt notifikati mir-Renju Unit taħt il-punti, (e) u (f) tal-Artikolu 690(6) tal-Ftehim għandhom jiffaċilitaw, biss fin-nuqqas tal-Prosekutur ta' Kollegament jew l-Assistenti tiegħu jew tagħha, l-iskambju ta' informazzjoni mal-Membri Nazzjonali u jiżguraw li l-informazzjoni tinqasam fil-pront mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti tar-Renju Unit.
2. Il-punti ta' kuntatt jistgħu jintużaw ukoll biex iwasslu informazzjoni strateġika ta' interess komuni għall-Eurojust u r-Renju Unit għall-iskop li jwettqu l-objettivi tagħhom u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom b'mod aktar effettiv. B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin regolarment dwar attivitajiet u inizjattivi li jistgħu jkunu ta' rilevanza għall-Parti l-oħra.
3. L-Eurojust għandha tkun infurmata mir-Renju Unit, billi tuża l-mudell apposta tal-Eurojust, dwar in-notifika tal-punti ta' kuntatt taħt il-Ftehim, kif ukoll dwar kwalunkwe modifika ta' tali notifika.

**Artikolu 6**

**Spazju għall-uffiċini u faċilitajiet oħra**

1. L-Eurojust għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi faċilitajiet suffiċjenti lill-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistenti tiegħu jew tagħha u l-persunal ta' appoġġ, fil-limiti tal-infrastruttura u soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi.
2. Dawn il-faċilitajiet għandhom jinkludu spazju għall-uffiċini għall-Prosekutur ta' Kollegament. L-ispazju għall-uffiċini għall-Assistenti tiegħu jew tagħha u għall-persunal ta' appoġġ għandu jiġi pprovdut kemm jista' jkun.
3. Il-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jinkludu wkoll servizzi bħal:
    a. Kompjuter, laptop u mowbajl;
    b. Kont tal-email tal-Eurojust;
    c. Business cards tal-Eurojust;
    d. Użu ta' kmamar tal-laqgħat u faċilitajiet tal-vidjokonferenzi;
    e. Aċċess għall-intranet u l-extranet tal-Eurojust, kif xieraq;
    f. Aċċess għall-Interface tal-Ġestjoni tal-Għarfien;
    g. Aċċess għal-Librerija;

   h. Aċċess u użu tal-applikazzjoni tal-Formola tal-Informazzjoni dwar il-Każ;
   i. Aċċess u użu ta' Sistema tal-Ġestjoni tad-Dokumenti (DMS), biex joħolqu u jaħżnu d-dokumenti tagħhom stess u biex jaraw u jipproċessaw dokumenti li għalihom ingħataw aċċess.

4. L-Eurojust tista' titlob ir-rimborż tal-ispejjeż kollha jew parti minnhom li tkun ġarrbet biex tipprovdi dawn il-faċilitajiet. Jekk issir talba bħal din, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin biex jiddeterminaw u jaqblu dwar l-ammont li għandu jitħallas. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu, allura l-Artikolu 20 ta' dan l-Arranġament għandu japplika.
5. L-Eurojust tista', fuq talba u sa fejn huwa fattibbli, tiffaċilita ż-żjara u l-integrazzjoni fin-Netherlands tal-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistenti tiegħu jew tagħha u l-persunal ta' appoġġ.

**Artikolu 7**

**Parteċipazzjoni fil-laqgħat plenarji tal-Kulleġġ**

1. Il-Prosekutur ta' Kollegament u/jew l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu jattendu, fuq stedina tal-President, għal-laqgħat tal-Kulleġġ bħala osservaturi, mingħajr id-dritt tal-vot. B'mod partikolari, il-Prosekutur ta' Kollegament u/jew l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu jattendu:
   (a) It-*tour de table* operattiv biex jiddiskutu kwistjonijiet operattivi, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 2017-24 dwar l-arranġamenti prattiċi għall-Prosekuturi ta' Kollegament issekondati minn Stati Terzi għall-Eurojust, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 2021-07 tal-14 ta' Settembru 2021;
   (b) Partijiet oħra tal-laqgħat tal-Kulleġġ fejn hemm bżonn ta' skambju ta' fehmiet jew għarfien espert.
2. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu jiġu kkonsultati mill-President dwar kwistjonijiet relatati max-xogħol tal-Kulleġġ meta jkollhom impatt dirett fuq is-sekondar tiegħu jew tagħha mal-Eurojust.
3. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha għandhom jiġu pprovduti bl-aġenda tal-laqgħat tal-Kulleġġ u d-dokumenti rilevanti għal-laqgħat jew parti mil-laqgħat li huma mistiedna jattendu għalihom.

**Artikolu 8**

**Parteċipazzjoni u organizzazzjoni ta' laqgħat operattivi u ċentri ta' koordinazzjoni**

1. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu jipparteċipaw f'laqgħat operattivi tal-Eurojust u ċentri ta' koordinazzjoni li jinvolvu r-Renju Unit, fuq stedina tal-Membru/i Nazzjonali li jorganizza l-laqgħa jew iċ-ċentru u bl-approvazzjoni tal-Membri Nazzjonali l-oħra involuti fil-każ.
2. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu jitolbu lil Membru/i Nazzjonali wieħed jew aktar ikkonċernati minn każ biex jipparteċipaw u/jew isejħu laqgħat operattivi jew ċentri ta' koordinazzjoni.
3. Soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi u fuq talba, l-Eurojust tista' toffri lill-Prosekutur ta' Kollegament u lill-Assistenti tiegħu jew tagħha appoġġ sostantiv għall-parteċipazzjoni tiegħu jew tagħha f'laqgħat operattivi u ċentri ta' koordinazzjoni. Tali appoġġ jista' jinvolvi l-preparazzjoni ta' sejbiet legali u/jew analitiċi, opinjonijiet, pariri u rakkomandazzjonijiet dwar

kwistjonijiet operattivi; il-faċilitazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni operattiva ma' aġenziji oħra; u/jew il-faċilitazzjoni ta' komunikazzjoni esterna.

### Artikolu 9

### Parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' gruppi ta' ħidma tal-Kulleġġ

1. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu, abbażi tal-oqsma ta' kompetenza tagħhom u soġġett għall-istedina tal-president ta' grupp ta' ħidma, ikunu assoċjati max-xogħol tal-gruppi ta' ħidma tal-Kulleġġ kif stabbilit mir-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust.
2. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha m'għandux ikollhom drittijiet tal-vot fil-gruppi ta' ħidma.
3. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha għandhom jiġu pprovduti b'dokumenti relatati mal-attivitajiet tal-gruppi ta' ħidma li magħhom hu jew hi huma assoċjati.

### Artikolu 10

### Parteċipazzjoni f'laqgħat strateġiċi, taħriġ, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u proġetti

1. Fuq stedina tal-President tal-Eurojust, il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu jattendu laqgħat strateġiċi.
2. Fuq stedina tal-President tal-Eurojust, il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu jattendu taħriġ tal-persunal, f'konformità mar-regoli interni tal-Eurojust.
3. Fuq l-istedina tal-President tal-Eurojust, il-Prosekutur ta' Kollegament jew l-Assistenti tiegħu jew tagħha jistgħu jkunu assoċjati ma' attivitajiet u proġetti ta' sensibilizzazzjoni li l-Eurojust torganizza, timplimenta jew tappoġġa. L-Eurojust tista' tirrimborża, soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi, l-ispejjeż tal-missjoni mġarrba mill-parteċipazzjoni tal-Prosekutur ta' Kollegament jew tal-Assistenti tiegħu jew tagħha, fejn hu jew hi jaġixxu fl-interess tal-Eurojust.

## KAPITOLU III

## SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

### Artikolu 11

### Dispożizzjoni ġenerali

1. Kwalunkwe skambju u aktar ipproċessar ta' *data* personali għandu jkun skont u bbażat fuq l-oqfsa legali rispettivi tal-Partijiet, u t-Titolu VI tal-Parti 3 u l-Artikolu 525 tal-Ftehim.
2. L-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom iżommu rekord tat-trażmissjoni u r-riċeviment ta' *data* kkomunikata skont dan l-Arranġament ta' Ħidma, inklużi r-raġunijiet għal tali trażmissjonijiet.

### Artikolu 12

### Trażmissjoni ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali

1. Kategoriji speċjali ta' *data* personali kif imsemmija fl-Artikolu 525(2)(b) tal-Ftehim, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk ikunu strettament meħtieġa u proporzjonati għal skop stabbilit skont l-Artikolu 580 u l-Artikolu 589 tal-Ftehim.

2. L-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jieħdu miżuri ta' salvagwardja adegwati, b'mod partikolari miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzazzjonali xierqa kif deskritti fl-Artikolu 525(2)(c) tal-Ftehim, biex jikkonformaw mas-sensittività speċjali tal-kategoriji ta' *data* personali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u biex jiżguraw li l-ebda persuna fiżika ma tiġi ddiskriminata fuq il-bażi ta' tali *data* personali.

**Artikolu 13**

**Drittijiet tas-suġġetti tad-*data***

1. L-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni rigward it-talba ta' individwu għal aċċess, rettifika, restrizzjoni jew tħassir ta' *data* personali li kienet ġiet ipproċessata fil-kuntest ta' dan l-Arranġament biex jiġi żgurat li kwalunkwe raġuni għar-restrizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 525(2)(d) tal-Ftehim, imqajma mill-Parti l-oħra jew, fejn rilevanti, mill-awtoritajiet nazzjonali li inizjalment ipprovdew id-*data* personali, tiġi kkunsidrata kif suppost.
2. Tali konsultazzjoni għandha sseħħ permezz tal-Prosekutur ta' Kollegament.

**Artikolu 14**

**Limiti ta' żmien għall-ħażna ta' *data* personali**

L-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jaħżnu d-*data* personali għal mhux aktar minn kwalunkwe perjodu ta' żmien speċifikat mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi skont l-Artikolu 589(3) tal-Ftehim jew meħtieġ għall-kisba tal-għanijiet li għalihom id-*data* kienet miġbura jew ipproċessata aktar skont l-Artikoli 580 u 589(2) tal-Ftehim. Tali ħtieġa jenħtieġ li tiġi eżaminata mill-ġdid b'mod kostanti f'konformità mal-oqfsa legali rispettivi tal-Partijiet.

**Artikolu 15**

**Sigurtà tad-*data***

1. L-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jiżguraw li l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 525(2)(c) tal-Ftehim jintużaw biex jipproteġu d-*data* personali riċevuta skont dan l-Arranġament ta' Ħidma kontra l-qerda aċċidentali jew illegali, it-telf aċċidentali jew l-iżvelar, l-alterazzjoni, jew l-aċċess mhux awtorizzati jew kwalunkwe forma mhux awtorizzata ta' pproċessar. L-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom b'mod partikolari jiżguraw li dawk biss awtorizzati biex jaċċessaw *data* personali jista' jkollhom aċċess għal tali *data*.
2. L-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jinfurmaw lil xulxin bi kwalunkwe inċident ta' sigurtà, u b'mod partikolari, ksur ta' *data* kif imsemmi fl-Artikolu 525(2)(e) tal-Ftehim, li huma relatati ma' *data* skambjata fil-kuntest ta' dan l-Arranġament ta' Ħidma. Tali komunikazzjoni għandha sseħħ permezz tal-Prosekutur ta' Kollegament.

## Artikolu 16

## Skambju ta' informazzjoni klassifikata u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata

Kif imsemmi fl-Artikoli 593 u 777 tal-Ftehim, il-proċeduri ta' sigurtà għall-immaniġġjar u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit u l-istruzzjonijiet tal-immaniġġjar biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata skambjata bejniethom għandhom ikunu stabbiliti f'arranġament ta' ħidma separat bejn il-Partijiet.

## Artikolu 17

## Kunfidenzjalità

1. Il-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistenti tiegħu/tagħha u l-persunal ta' appoġġ għandhom ikunu marbuta b'obbligu ta' kunfidenzjalità fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li jkunu saru jafu biha waqt it-twettiq tal-kompiti tagħhom.
2. L-obbligu ta' kunfidenzjalità għandu jkompli japplika wara li jitlaq il-kariga jew l-impjieg u wara t-tmiem tal-attivitajiet tal-persuni msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu.
3. L-obbligu ta' kunfidenzjalità għandu japplika għall-informazzjoni kollha riċevuta jew skambjata permezz jew mill-Eurojust, sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx diġà saret pubblika jew tkun aċċessibbli għall-pubbliku b'mod legali.
4. Fejn l-awtorità tal-Istat Membru li tipprovdi informazzjoni lill-Eurojust timponi, skont il-liġi nazzjonali tagħha, kundizzjonijiet fuq l-awtorità riċeventi rigward l-użu ta' dik l-informazzjoni, l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit li tirċievi l-informazzjoni għandha tkun marbuta b'dawn il-kundizzjonijiet.
5. L-obbligu ta' kunfidenzjalità impost mill-Artikolu 72 tar-Regolament tal-Eurojust għandu japplika għall-persuni u l-korpi elenkati f'dak l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit taħt il-Ftehim.

# KAPITOLU IV

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

## Artikolu 18

## Responsabbiltà

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 592 tal-Ftehim:

(a) ir-Renju Unit għandu jkun responsabbli u jindennizza lill-Eurojust għal kwalunkwe ħsara u spejjeż assoċjati mġarrba mill-Eurojust bħala riżultat ta' kwalunkwe att intenzjonali jew negliġenti jew ommissjoni tal-Prosekutur ta' Kollegament jew l-Assistenti tiegħu jew tagħha u l-persunal ta' appoġġ fit-twettiq ta' dmirijiethom;

(b) l-Eurojust għandha tkun responsabbli u tindennizza lir-Renju Unit għal kwalunkwe ħsara u spejjeż assoċjati mġarrba mir-Renju Unit bħala riżultat ta' kwalunkwe att intenzjonali jew negliġenti jew ommissjoni tal-Eurojust, tal-persunal tal-Eurojust, ta' membru nazzjonali, deputat jew Assistent fit-twettiq ta' dmirijiethom.

## Artikolu 19

## Monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Għall-iskop ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament, il-Partijiet għandhom iwettqu reviżjoni biennali konġunta tal-implimentazzjoni tiegħu.
2. Mingħajr preġudizzju għat-Titolu XIII tal-Parti III tal-Ftehim, kwalunkwe kwistjoni possibbli identifikata mill-Partijiet matul l-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament għandha tiġi indirizzata b'mod konġunt mill-Partijiet skont l-Artikolu 20 ta' dan l-Arranġament.
3. Sabiex tkompli l-kooperazzjoni u jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament, għandhom isiru skambji regolari, inkluż permezz ta' laqgħat ta' livell għoli bejn il-Partijiet.

## Artikolu 20

## Soluzzjoni tat-tilwim

1. Mingħajr preġudizzju għat-Titolu XIII, il-Parti III tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiltaqgħu malajr fuq talba ta' waħda mill-Partijiet biex isolvu b'mod amikevoli kwalunkwe tilwim li jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament li jista' jaffettwa r-relazzjoni ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet.
2. Jekk tilwima ma tkunx tista' tiġi solvuta permezz ta' konsultazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' titlob li tidħol f'negozjati għal emenda ta' dan l-Arranġament f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan l-Arranġament.

## Artikolu 21

## Emendi

1. Dan l-Arranġament ta' Ħidma jista' jiġi emendat bil-miktub, fi kwalunkwe mument, b'kunsens reċiproku bejn il-Partijiet.
2. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tar-rekwiżiti interni tagħhom.

## Artikolu 22

## Sospensjoni u Tmiem

1. Jekk skont l-Artikoli 692 jew 779 tal-Ftehim, ir-Renju Unit u l-Unjoni ma jkunux għadhom marbuta bil-Ftehim, dan l-Arranġament ta' Ħidma għandu jiġi tterminat fl-istess data li l-Ftehim ma jibqax japplika.
2. Jekk il-Parti III jew it-Titolu VI tal-Ftehim ma jibqgħux japplikaw skont l-Artikoli 693 jew 700 tal-Ftehim, dan l-Arranġament ta' Ħidma għandu jkun sospiż fl-istess data u għall-istess perjodu ta' żmien li fihom dawk id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ma jibqgħux japplikaw.
3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-effetti legali tal-miżuri adottati matul il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' dan l-Arranġament ta' Ħidma jibqgħu validi u m'għandhomx jiġu kkontestati mill-Partijiet ladarba l-Arranġament ta' Ħidma jintemm.

**Artikolu 23**

**Dħul fis-seħħ**

Dan l-Arranġament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara d-data tal-aħħar firma.

Magħmul f'żewġ kopji bil-lingwa Ingliża.

| | |
|---|---|
| Għal | Għall-Eurojust |
| ____________________ | ____________________ |
| | Il-President |
| Magħmul f'Londra | Magħmul f'The Hague |
| fi | fi |